MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2006

Avviz Numru. 375/2005

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**Vs**

**Anthony u Svedlana mizzewgin Cassar**
**(ID Nri 447773(M) u 67075(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, tmien mija u ghoxrin Liri Maltin, erbgha u tletin centezmu (Lm4,820.34) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Account' ta' Anthony u Svedlana mizzewgin Cassar mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok A) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-2 ta' Gunju, 2005 sal-jum tal-pagament effettiv, liema "Loan Account" gie moghti lill-konvenuti permezz ta' skrittura privata datata 13 ta' Marzu, 2000 (Dok B).

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fid-dokument markat ADV 27 anness ma' l-iskrittura privata hawn fuq indikata u cioe' Dok B partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Anthony u Svedlana mizzewgin Cassar (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata, u (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skrittura privata sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti iddekadew mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 11 t'April, 2005 (Dok C) u tal-Mandat ta' Sekwestru u Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti markati Dok A, Dok B u Dok C a fol 2 sa fol 17 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-18 ta' Settembru 2006 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm4820.30,0 bl-imghax ulterjuri mit-tnejn (2) ta' Gunju 2005 sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dwk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' April 2005 u tal-mandati kawtelatorji ta' qbid u ta' sekwestru tal-20 ta' Gunju 2005.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------